MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2014

Citazzjoni Numru. 326/2012

**Fl-atti tal-istralc tas-socjeta` f`isem kollettiv Sanzeo Malta (P1336) li kienet xjolta bi provvediment ta` din il-Qorti tat-22 ta` Novembru 2012**

**Il-Qorti :**

Rat il-provvediment taghha tat-22 ta` Novembru 2012.

Rat l-atti li saru wara dak il-provvediment.

Rat id-digriet taghha tat-22 ta` Marzu 2013 (tergo ta` fol 129) fejn laqghet it-talba tal-istralcjarju biex jigi esonerat mill-inkariku, u fejn idderigiet lil Mary-Ann Caruana, li kienet is-socju li kienet inizjat il-procediment li

wassal ghall-provvediment tat-22 ta` Novembru 2012, biex tiddikjara l-posizzjoni taghha.

Rat in-nota ta` Mary Anne Caruana tas-6 ta` Mejju 2013 (fol 135).

Rat il-verbal tal-udjenza tat-2 ta` Ottubru 2013.

Rat id-digriet taghha tal-1 ta` Ottubru 2013 fejn laqghet it-talba ta` Mary-Ann Caruana (kif dedotta f`rikors taghha prezentat dakinhar stess), ordnat id-deregistrazzjoni tas-socjeta` ghall-finijiet ta` taxxa fuq il-valur mizjud u l-komunika tad-digriet lid-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud).

Rat illi dan tal-ahhar kien notifikat fid-9 ta` Ottubru 2013 (ara tergo ta` fol 138A).

Rat in-nota b`affidavit li pprezentat Mary-Ann Caruana fl-udjenmza tat-8 ta` Jannar 2014.

Rat l-atti tal-procediment fil-kumpless taghhom.

Billi jirrizulta li s-socjeta` ma ghandha l-ebda pendenzi fil-konfront ta` terzi.

Billi ma hemm xejn tas-socjeta` x`jigri stralcjat.

Billi l-unici pendenzi huma relatati ma` pretensjonijiet li hemm bejn is-socji u li huma l-mertu ta` procediment fil-kontenzjuz.

Billi din il-litigazzjoni interna bejn is-socji b`ebda mod mhijiex ostakolu ghat-thassir tal-isem tas-socjeta`.

Tordna li l-isem tas-socjeta` f`isem kollettiv Sanzeo Malta (P1336) jithassar mir-registru b`effett mil-lum.

Tordna wkoll lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien sebat (7) ijiem mil-lum jibghat lir-Registratur tal-Kumpanniji l-ordni ta` thassir tal-isem tas-socjeta` f`isem kollettiv Sanzeo Malta (P1336) mir-registru.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------